1 **MINUTI**

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 32

IT-TLIETA 29 TA' JANNAR 2015 FIL-6.30 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AGENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

**Komunikazzjoni mis-Sindku (Kontinwazzjoni)**

Is-Sindku stqarr li ltaqa ma T Castelletti l-bieraħ u flimkien għamlu l-punti tat-tlett applikazzjonijiet tal-*Capital Funds Scheme*. Għada is-Segretarju ħa jissotomettihom il-Ministeru.

Is-Sindku qal li għall-attivita tal-karnival jaf ikollna problema għax ħarġet direttiva biex il-karrijiet tal-karnival jibqgħu il-Belt Valletta. Għaldaqstant, ma jkunx jista jigi karru fl-attivita' tal-lokal tagħna. Is-Sindku qal lil F Roe ikellem lil tal-Kieka, forsi jirranġaw iġibu il-karru tagħhom Ta' Xbiex. Is-Sindku komplu billi qal li konfermati hemm mil-inqas erbatax-il skola taż-żfin, bejjiegħa tal-ikel u xorb, area tal-logħob għat-tfal u kantanti. Is-Sindku qal hemm opportunita li ġejja banda barranija għal prezz ta' €300. Jaf joħroġ €150 minnhom dan tal-attivita' l-organiżżatur tal-attivita' stess. Il-Kunsill irid jieħu ħsieb id-dawl, Pulizija u *barriers*.

Is-Sindku fakkar biex jinħarġu t-tenders għas-servizzi ta' avukat u ġbir ta' skart riċiklabbli.

Is-Sindku qal li hemm bżonn jinxtara *compactor* tat-tarmac. Hemm wieħed li jiswa €550 u ieħor €850. Il-Kunsill qabel li jġibu l-eħfef wieħed ħalli jintuża żgur mill-ħaddiema.

Is-Sindku qal ingħatajna €30,000 mill-Ministeru għall-Ambjent biex jintużaw fi proġetti ambjentali fil-lokal. F'nofs Frar irridu mmorru bil-proposti uffiċjali lura l-Ministeru. Is-Sindku qal li ser ikun qed isejjaħ għal laqgħa mal-Kunsilliera sabiex niddiskutu din f'aktar dettall, sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni fil-ħin.

Il-laqgħa ntemmet. Hin: 20.43

## Aġġornament

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tinzamm nhar il-Ħamis 19 ta' Frar fil-17.30.

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv